# L-ALFABETT

L-alfabett Malti fih tletin (30) ittra: sitt (6) vokali u erbgħa u għoxrin (24) konsonanti.

Il-vokali huma: **a - e - i - ie - o - u**

Il-konsonanti huma: **b - ċ - d - f - ġ - g - għ - h - ħ - j - k - l - m - n - p - q - r - s - t - v - w - x - ż - z**

L-alfabett kollu hu:
**A a - B b - Ċ ċ - D d - E e - F f - Ġ ġ - G g - Għ għ - H h - Ħ ħ - I i - IE ie - J j - K k - L l - M m - N n - O o - P p - Q q - R r - S s - T t - U u - V v - W w - X x - Ż ż - Z z**

## INNOTA:

1. Il-**ħ** kapitali tinkiteb hekk **Ħ** (b'żewġ linji fuqha). Ħafna nies jiktbu l-**ħ** kapitali hekk **H**. Din ħażina għaliex dik il-kapitali tal-**h** mhux tal-**ħ**.

2. Vokali ħdejn vokali jistgħu joqogħdu kemm fi kliem kif ukoll f'sentenzi. (ara s-sezzjoni **Żbalji tal-Ortografija**)

   Eż.

   p**oe**ta, p**oe**tessa, awt**oa**ssessjar (dawn ġejjin mit-Taljan).
   Din il-lezzjon**i** **i**nteressanti.
   Dawn il-manuskritti ver**a** **i**mportanti.
   Tfajl**a** **i**ntelliġenti.

## Taħt liema kategoriji jinqasmu l-konsonanti fil-Malti?

Il-konsonanti jistgħu jinqasmu f'kategoriji. Konsonanti tista' tkun taqa' taħt aktar minn kategorija waħda. Il-konsonanti jistgħu jkunu:

1. **Xemxin** jew **Qamrin**;
2. **Sħaħ** jew **Dgħajfin**;
3. **Rotob** jew **Qawwija**;
4. **Likwidi**.

**Xemxin jew Qamrin:**

Konsonanti xemxin għandna disgħa (9). Dawn huma: **ċ**, **d**, **n**, **r**, **s**, **t**, **x**, **ż**, **z**. Dawn jissejħu hekk għaliex meta kliem li jibda b'konsonanti minnhom jiġi biex jieħu l-artiklu, **l-** tinbidel u ssir bħall-ewwel konsonanti tal-kelma (assimilazzjoni).

Eż. i**ċ**-**ċ**urkett, i**d**-**d**ar, i**n**-**n**ar.

Dawk li m'humiex xemxin huma qamrin. Qamrin għandna ħmistax (15). Dawn huma: **b**, **f**, **ġ**, **g**, **għ**, **h**, **ħ**, **j**, **k**, **l**, **m**, **p**, **q**, **v**, **w**. Il-kliem li jibda b'konsonanti qamrija jieħu **l-** jew **il-** quddiemu.

Eż. i**l**-**v**apuri, i**l**-**m**ara, **l**-**għ**asfur.

**Sħaħ jew Dgħajfin:**

Il-konsonanti dgħajfin huma tnejn (2). Dawn huma **j** jew **w**. Dawn jissejħu hekk għaliex jistgħu jinbidlu jew jaqgħu. Eż. *Hu **j**ħares* iżda mbagħad ngħidu *Kien **i**ħares*. Il-konsonanti l-oħra huma kollha sħaħ. B'hekk sħaħ għandna tnejn u għoxrin (22).

**Rotob jew Qawwija:**

Il-konsonanti rotob huma tmienja (8). Dawn huma: **ċ**, **f**, **ħ**, **k**, **p**, **s**, **t**, **x**. Dawn jissejħu hekk għaliex jitlissnu bil-ħlewwa. Il-konsonanti qawwija huma tmienja (8) wkoll. Dawn huma: **b**, **d**, **ġ**, **g**, **għ**, **h**, **v**, **ż**. Dawn jitlissnu aktar bil-qawwi mill-oħrajn.

**Likwidi:**

Dawn huma ħamsa (5): **l**, **m**, **n**, **r**, **għ**. Meta jkollna tliet konsonanti ħa jiltaqgħu flimkien u tan-nofs tkun likwida, indaħħlu vokali (tissejjaħ vokali tal-leħen) bejn l-ewwel u t-tieni konsonanti. Jekk tan-nofs tkun il-konsonanti **m** u waħda mill-konsonanti l-oħra tkun likwida, ma tapplikax din ir-regola.

Eż. noq**o**għdu, noq**o**msu, iħ**i**rsa.

## TAĦRIĠ

1 **X'għandhom komuni dawn il-konsonanti?**




**Risposta:**

2 **Ikteb kemm fihom ittri dawn il-kelmiet li ġejjin:**

| Kelma | Ittri | Kelma | Ittri |
|---|---|---|---|
| Eż. farfett | 7 | Eż. summiena | 7 |
| noqogħdu | | interessanti | |
| internazzjonali | | wejters | |
| midalja | | bieqja | |
| parkeġġ | | Xlendi | |
| irresponsabbli | | qiegħda | |
| xogħlijiet | | siġġijiet | |
| dwejra | | papra | |
| malvizz | | ra | |
| xbejbiet | | naspla | |
| bebbuxu | | għalliema | |